



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.11.2007
KUMM(2007) 735 finali

2007/0253 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL

li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali

(Verżjoni riformulata)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunità huma ċari u jinftehimu malajr.
2. Il-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE tad-20 ta' Ġunju 1990 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-transparenza ta' prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku impost fuq konsumaturi industrijali², ġiet inizzjata mill-Kummissjoni. Id-Direttiva l-ġdida tissupera lill-atti varji inkorporati fiha³.
3. Sadanittant, id-Deċiżjoni 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni⁴ kienet emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li kienet introduċiet il-proċedura regolatorju bi skrutinju għal miżuri ta' ambitu ġenerali u li huma maħsuba biex jemendaw/iħassru elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inkluż bit-tħassir ta' uħud minn dawn l-elementi jew biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali

Skond id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni⁵ dwar id-deċiżjoni 2006/512/CE, sabiex din il-proċedura ġdida tkun applikabbli għal dawk l-atti diġà fis-seħħ li kienu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, dawk l-atti jeħtieġ li jiġu adattati skond il-proċeduri applikabbli.
5. Għalhekk huwa xieraq li l-kodifikazzjoni tad-Direttiva 90/377/KEE tiġi mibdula friformulazzjoni sabiex tinkorpora l-emendi meħtieġa għall-proċedura regolatorja bi skrutinju.

¹ COM(87) 868 PV.

² Magħmula skond il-Kommunikazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-Acquis Communautaire, COM (2001) 645 finali.

³ Ara l-Anness III, parti A għal din il-proposta.

⁴ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11)

⁵ ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL

li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali

(test b'rilevanza ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW u L- KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat¹,

Billi:

↓ ġdid

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE tad-29 ta' Ġunju 1990 li tikkonċerna l-proċedura Komunitarja sabiex tittejjeb it-trasparenza ta' prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku imposti fuq konsumaturi industrijali² ġiet emendata kemm-il darba³ b'mod sostanzjali. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, din id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

↓ 90/377/KEE premessa 1
(adattat)

- (2) It-trasparenza fil-prezzijiet ta' l-enerġija, sal-punt li ssaħħaħ il-kondizzjonijiet li jassiguraw li l-kompetizzjoni fis-suq komuni ma tkunx imfixxkla, hija essenzjali għall-kisba u għall-ħidma mingħajr skossi tas-suq intern ta' l-enerġija.

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU L 185, 17.7.1990, p. 16. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2007/394/KE (ĠU L 148, 9.6.2007, p. 11).

³ Ara l-Anness III, Parti A.

↓ 90/377/KEE premessa 2

- (3) It-trasparenza tista' tgħin sabiex titneħħa diskriminazzjoni kontra utenti, billi tiżdziedilhom il-libertà li jagħżlu bejn sorsi ta' enerġija differenti u bejn fornituri differenti.

↓ 90/377/KEE premessa 3
(adattat)

- (4) Fil-preżent, il-grad ta' trasparenza jvarja minn sorsi ta' l-enerġija u minn ☒ Stat Membru jew ☒ reġjun Komunitarju ☒ għall- ☒ ieħor, b' mod li tpoġġi f'dubju l-kisba ta' suq intern ta' l-enerġija.

↓ 90/377/KEE premessa 4

- (5) B'dana kollu, il-prezz imħallas mill-industrija fil-Komunità għall-enerġija li hija tuża huwa wieħed mill-fatturi li jinfluwenzaw il-kompetittività u għandu għalhekk jibqa' kunfidenzali.

↓ 90/377/KEE premessa 5
(adattat)

- (6) Is-sistema ta' konsumaturi normali użata mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej ☒ Eurostat ☒ fil-pubblikazzjonijiet ta' prezzijiet tiegħu, u s-sistema ta' prezzijiet ta' l-immarkar introdotta għall-utenti industrijali ewlenin ta' l-elettriku tassigura li t-trasparenza ma tkunx ta' xkiel għall-kunfidenzali.

↓ 90/377/KEE premessa 6
(adattat)

- (7) Huwa meħtieġ li l-medda tal-kategoriji ta' konsumaturi użati ☒ mill-Eurostat ☒ sal-limiti li l-konsumaturi jibqgħu rappreżentattivi.

↓ 90/377/KEE premessa 7

- (8) B'dan il-mod it-trasparenza fil-prezz ta' l-utenti finali tista' tkun milħuqha mingħajr ma tipperikola l-ħtieġa tal-kunfidenzali tal-kuntratti; billi sabiex tkun rispettata l-kunfidenzali jeħtieġ li jkun hemm mill-anqas tlett konsumaturi f'kategorija partikolari ta' konsum sabiex il-prezz ikun ippublikat.

↓ 90/377/KEE premessa 8

- (9) Din l-informazzjoni li tirrigwarda l-gass u l-elettriku ikkunsmat mill-industrija għall-utenti finali ta' l-enerġija, għandha tippermetti li jsiru wkoll paraguni ma' sorsi oħrajn ta' l-enerġija (żejt, faħam, sorsi ta' enerġija fossili u rinovabbli) u konsumaturi oħrajn.

↓ 90/377/KEE premessa 9

- (10) Impriżi li jissupplixxu l-gass u l-elettriku kif ukoll konsumaturi industrijali tal-gass u ta' l-elettriku jibqgħu, indipendentement mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bla ħsara għar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat, u billi konsegwentement il-Kummissjoni tista' teħtieġ il-komunikazzjoni tal-prezzijiet u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ.

↓ 90/377/KEE premessa 10

- (11) It-tgħarif dwar is-sistema tal-prezzijiet fis-seħħ tiffirma parti mit-trasparenza tal-prezzijiet.

↓ 90/377/KEE premessa 11

- (12) It-tgħarif dwar l-analiżi sistematika tal-konsumaturi skond il-kategorija u skond l-ishma tas-suq rispettivi tagħhom tiffirma wkoll parti mit-trasparenza tal-prezzijiet.

↓ 90/377/KEE premessa 12
(adattat)

- (13) Il-komunikazzjoni ☒ lill-Eurostat ☒ tal-prezzijiet u kondizzjonijiet tal-bejgħ lill-konsumaturi u s-sistemi ta' prezzijiet fis-seħħ, kif ukoll l-analiżi sistematika tal-konsumaturi skond il-kategorija tal-konsum ☒ li tiżgura r-rappreżentatività ta' dawn il-kategoriji fuq livell nazzjonali ☒ għandha tinforma b'mod suffiċċjenti lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tiddeċiedi, skond il-ħtieġa, dwar l-azzjoni jew il-proposti xierqa fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq intern ta' l-enerġija.

↓ 90/377/KEE premessa 13
(adattat)

- (14) Id-dejta fornuta ☒ lill-Eurostat ☒ tkun aktar affidabbli jekk l-impriżi innifishom jikkompilaw din id-dejta.

↓ 90/377/KEE premessa 14

- (15) Il-familjarità mat-tassazzjoni u l-imposti para-fiskali eżistenti f'kull Stat Membru hija importanti sabiex tassigura t-trasparenza fil-prezzijiet.

↓ 90/377/KEE premessa 15
(adattat)

- (16) Għandu jkun possibbli li tkun verifikata l-affidabbiltà ta' l-informazzjoni mogħtija ☒ lill-Eurostat. ☒

↓ 90/377/KEE premessa 16

- (17) Il-kisba tat-trasparenza tippresupponi l-pubblikazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' prezzijiet u ta' sistemi tal-prezzijiet fost l-akbar firxa possibbli ta' konsumaturi.

↓ 90/377/KEE premessa 17
(adattat)

- (18) Għall-implimentazzjoni tat-trasparenza fil-prezzijiet ta' l-enerġija, s-sistema għandha tkun ibbażata fuq l-esperjenza u fuq metodi pruvati, żviluppati u applikati ☒ mill-Eurostat ☒ fir-rigward tal-ipproċessar, il-verifika u l-pubblikazzjoni tad-dejta.

↓ 90/377/KEE premessa 18


- (19) Bil-prospett tal-kisba tas-suq intern ta' l-enerġija, is-sistema tat-trasparenza fil-prezzijiet għandha ssir operazzjonali kemm jista' jkun malajr possibbli.

↓ 90/377/KEE premessa 19


- (20) L-implimentazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva tista' sseħħ biss fl-Istati Membri kollha meta s-suq tal-gass naturali, partikolarment fir-rigward ta' l-infrastruttura, jkun laħaq livell suffiċċjenti ta' żvilupp.



- (21) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistablixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni⁴.



- (22) Għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni setgħat sabiex tintroduċi il-bidliet meħtieġa fl-Annessi I u II għal din id-Direttiva skond il-problemi speċifiċi li ġew identifikati. Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, dawn jeħtieġ li jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.



- (23) L-elementi ġodda introdotti f'din id-Direttiva jikkonċernaw biss il-proċeduri tal-kumitati. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġu trasposti mill-Istati Membri.



- (24) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B,



ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jassiguraw li impriżi li jissupplixxu l-gass jew l-elettriku lill-utenti finali industrijali, kif definiti fl-Annessi I u II, jikkomunikaw lill-Uffiċċju Statistiku tal-Komunità Ewropea ☒ lill-Eurostat ☒ skond il-forma ipprovduta fl-Artikolu 3:

⁴ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

- (1) il-prezzijiet u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ tal-gass u ta' l-elettriku lill-utenti finali industrijali;
- (2) is-sistemi tal-prezzijiet fis-seħħ;

↓ 90/377/KEE

- (3) l-analiżi sistematika ta' konsumaturi u l-volumi korrispondenti skond il-kategorija tal-konsum jassiguraw li l-kategoriji jkunu rappreżentattivi fuq livell nazzjonali.

↓ 90/377/KEE (adattat)

Artikolu 2

1. L-impriżi referuti fl-Artikolu 1 għandhom jikkompilaw ☒ id-dejta prevista ☒ fl-Artikolu 1(1) u (2), fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju ta' kull sena.

Din id-dejta, mħejjija b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3, għandha tintbagaht lill-Eurostat u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fi żmien xahrejn.

2. Fuq il-bażi tad-dejta referuta fil-paragrafu 1, ☒ l-Eurostat ☒ għandha tippubblika kull Mejju u kull Novembru, f'forma xierqa, il-prezzijiet tal-gass u ta' l-elettriku għal utenti industrijali fl-Istati Membri u s-sistemi ta' prezzijiet użati għal daww il-finijiet.

3. L-informazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1(3) għandha tintbagħat kull sentejn ☒ lill-Eurostat ☒ u lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tkun ippubblikata.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet implimentattivi li jirrigwardaw il-forma, il-kontenut u l-karatteristiċi l-oħrajn kollha ta' l-informazzjoni ☒ previsti ☒ fl-Artikolu 1 huma stabbiliti fl-Annessi I u II.

Artikolu 4

☒ Il-Eurostat ☒ m'għandhiex tiżvela d-dejta mogħtija lilha bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 li tista', skond ix-xorta tagħha, tkun soġġetta għal kunfidenzalità kummerċjali. Tali dejta statistika kunfidenzali li tkun trasmessa ☒ lill-Eurostat ☒ għandha tkun aċċessibbli biss għall-uffiċjali ☒ ta' l-Eurostat ☒ u tista' tintuża biss għal skopijiet statistiċi.

☒ L-ewwel paragrafu m'għandux ☒ , b'dana kollu, ifixkel il-pubblikazzjoni tad-dejta ta' din ix-xorta f'forma aggregata li ma tippermettix l-identifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali individwali.

Artikolu 5

Meta ☒ l-Eurostat ☒ tinnota li hemm anomaliji jew inkonsistenzi li huma statistikament sinifikanti fid-dejta trasmessa permezz ta' din id-Direttiva, hija tista' titlob lill-korpi nazzjonali sabiex iħalluha twettaq spezzjoni tad-dejta xierqa disaggregata kif ukoll il-metodi ta' l-kalkolazzjoni jew ta' l-evalwazzjoni li fuqhom hija bbażata d-dejta aggregata, sabiex tkun tista' tevalwa, jew anki temenda, kull informazzjoni meqjusa bħala irregolari.

Artikolu 6

↓ 90/377/KEE (adattat)
⇒ ġdid

Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-bidliet meħtieġa ☒ fl-Annessi I u II ☒ skond il-problemi speċifiċi identifikati. ⇒ Dawn il-miżuri magħmula biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 7(2). ⇐

↓ 90/377/KEE (adattat)

Dawn il-bidliet ☒ għandhom ☒, b'dana kollu, ikopru biss il-karatteristiċi tekniċi ta' l-Annessi I u II u ma ☒ għandhomx ☒ ikunu ta' tip li jbiddu l-istruttura ġenerali tas-sistema.

↓ 1882/2003 Art. 1 u Anness I, pt. 3 (adattat)
⇒ ġdid

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat.

2. Fil-każ li ssir referenza għal dan ☒ il-paragrafu ☒, l-Artikoli ⇒ 5a(1) sa (4) u l-Artikolu ⇐ 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw wara li jkunu meqjusa d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

~~3. Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.~~

Artikolu 8

Darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport sommarju dwar il-ħidma ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Artikolu 9

Fil-każ tal-gass naturali, ☒ din ☒ id-Direttiva m'għandhiex tkun implimentata fi Stat Membru qabel ħames snin wara l-introduzzjoni ta' dik il-forma ta' enerġija fis-suq f'dak il-każ.

Id-data ta' l-introduzzjoni ta' dak is-sors ta' l-enerġija fis-suq nazzjonali ☒ għandha ☒ tkun irrapportata espliċitament lill-Kummissjoni mill-Istat Membru ikkonċernat mingħajr dewmien.



Artikolu 10

Id-Direttiva 90/377/KEE, kif emendata mill-atti mniżżla fl-Anness III, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehimu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 11

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President
[...]*

ANNEX I

PREZZIJET TAL-GASS

Il-prezzijiet tal-gass għall-konsumaturi industrijali¹ għandhom jinġabru u jiġu kkompilati skond il-metodoloġija li ġejja:

- (a) Il-prezzijiet li għandhom jiġu rrapportati huma daww imħallsa mill-konsumaturi industrijali li jixtru l-gass naturali mqassam permezz tal-mains għall-użu tagħhom stess.
- (b) Huma meqjusa l-użi industrijali kollha tal-gass. Madankollu, is-sistema teskludi konsumaturi li jużaw il-gass:
 - għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku f'impjanti ta' l-enerġija jew f'impjanti CHP,
 - f'użi mhux ta' l-enerġija (pereżempju, fl-industrija tal-kimika);
 - f'ammonti ta' 'l fuq minn 4000000 Gigajoule (GJ) fis-sena.
- (ċ) Il-prezzijiet reġistrati għandhom ikunu bbażati fuq sistema ta' kategoriji ta' konsum standard definiti minn firxa ta' konsum annwali tal-gass.
- (d) Il-prezzijiet se jinġabru darbtejn fis-sena, fil-bidu ta' kull perjodu ta' sitt xhur, (Jannar u Lulju) u se jirreferu għall-medja tal-prezz imħallsa mill-konsumaturi industrijali għall-gass fuq is-sitt xhur preċedenti. L-ewwel komunikazzjoni tad-dejta dwar il-prezz lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej se tirreferi għas-sitwazzjoni fl- 1 ta' Jannar 2008.
- (e) Il-prezzijiet għandhom ikunu fil-valuta nazzjonali għal kull Gigajoule. Il-kejl ta' l-unità ta' l-enerġija użata jsir fuq bażi ta' valur kalorifiku gross (GCV).
- (f) Il-prezzijiet għandhom jinkludu t-tariffi kollha li għandhom jitħallsu: it-tariffi tan-netwerk jingħaddu flimkien ma' l-enerġija kkonsumata, jitnaqqas kwalunkwe roħs jew primjum, u jiżdiedu kwalunkwe tariffi oħra (il-kiri tal-meter, it-tariffi effettivi, eċċ.). It-tariffi tal-bidu għall-konnessjoni m'għandhomx jiġu inklużi.
- (g) Il-prezzijiet għandhom jiġu reġistrati bħala prezzijiet nazzjonali medji.
- (h) L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw proċeduri effettivi f'termini ta' nfiq sabiex jiżguraw sistema ta' kompilazzjoni tad-dejta rappreżentattiva bbażata fuq ir-regoli li ġejjin:

¹ Konsumaturi industrijali jistgħu jinkludu utenti mhux residenzjali.

- Il-prezzijiet se jirrappreżentaw prezzijiet medji differenzjati, permezz ta' l-ishma fis-swieq tal-fornituri tal-gass mistħarrġa, bħala fatturi taż-żidiet fl-għoli tal-ħajja. Prezzijiet medji aritmetiċi se jiġu pprovduti biss meta ċ-ċifri differenzjati ma jistgħux jiġu kkalkulati. F'kull każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istħarriġ ikopri sehem rappreżentattiv tas-suq nazzjonali.
- L-ishma tas-suq għandhom ikunu bbażati fuq il-kwantità tal-gass li għaliha nħarġet fattura mill-fornituri tal-gass lill-konsumaturi industrijali. Fejn hu possibbli, l-ishma tas-suq se jiġu kkalkulati separatament għal kull kategorija. L-informazzjoni użata għall-kalkolu tal-prezzijiet medji differenzjati se jkunu mmaniġġjati mill-Istati Membri filwaqt illi jiġu rispettati r-regoli ta' kunfidenzjalità.
- Fl-interess tal-kunfidenzjalità, id-dejta li għandha x'taqsam mal-prezzijiet se tiġi kkomunikata biss fejn, fl-Istat Membru kkonċernat, hemm ta' l-inqas tliet konsumaturi f'kull waħda mill-kategoriji msemmija fil-punt (j).

(i) Tliet livelli ta' prezzijiet għandhom jiġu pprovduti:

- Prezzijiet li jeskludu t-taxxi u l-levies.
- Prezzijiet li jeskludu l-VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati.
- Prezzijiet li jinkludu t-taxxi, l-levies u l-VAT kollha.

(j) Se jsir stħarriġ fuq il-prezzijiet tal-gass għall-kategoriji ta' konsumaturi industrijali li ġejjin:

Konsumaturi Industrijali	Konsum annwali ta' gass (GJ)	
	L-inqas	L-ogħla
Kategorija-I1		< 1000
Kategorija-I2	1000	< 10000
Kategorija-I3	10000	< 100000
Kategorija-I4	100000	< 1000000
Kategorija-I5	1000000	<= 4000000

(k) Darba kull sentejn, flimkien mar-rapportar dwar il-prezz f'Jannar, għandha tiġi kkomunikata informazzjoni dwar is-sistema ta' kompilazzjoni applikata, lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari: deskrizzjoni ta' l-istħarriġ u l-ambitu tiegħu (numru ta' l-impriżi ta' forniment li sar l-istħarriġ fuqhom, perċentwal aggregat tas-suq rappreżentat, eċċ.) u l-kriterji użati għall-kalkolu tal-prezzijiet medji differenzjati kif ukoll il-volumi aggregati ta' konsum rappreżentati minn kull kategorija. L-ewwel komunikazzjoni relatata mas-sistema ta' kompilazzjoni għandha tikkonċerna s-sitwazzjoni fl-1 ta' Jannar 2008.

- (l) Darba fis-sena, flimkien mar-rapportar dwar il-prezz f'Jannar, għandhom jiġu kkomunikati l-karatteristiċi u l-fatturi medji ewlenin li jaffettwaw il-prezzijiet irrapportati għal kull kategorija ta' konsum, lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej.

L-informazzjoni għandha tinkludi:

- Fatturi medji ta' piż għall-konsumaturi industrijali li jikkorrispondu għal kull kategorija tal-konsum ikkalkulati fuq bażi ta' l-enerġija totali fornuta u d-domanda medja massima.
- Deskrizzjoni dwar l-iskonti mogħtija għall-fornimenti li jistgħu jkunu interrotti.
- Deskrizzjoni tat-tariffi fis-seħħ, kirjiet tal-meter jew kwalunkwe tariffi oħra rilevanti fuq livell nazzjonali.

- (m) Darba fis-sena, flimkien mar-rapportar ta' Jannar, għandhom jiġu rrapportati wkoll ir-rati u l-metodu ta' kalkolu kif ukoll deskrizzjoni tat-taxxi imposti fuq il-konsumaturi industrijali. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe levy mhux fiskali li tkopri l-ispejjeż tas-sistema u l-obbligi tas-servizz pubbliku.

Id-deskrizzjoni tat-taxxi li għandha tiġi pprovduta se tinkludi tliet taqsimiet separati b'mod ċar:

- It-taxxi, il-levies, il-levies mhux fiskali, id-drittijiet u kwalunkwe tariffi fiskali oħra mhux identifikati fil-fatturi pprovduti lill-konsumaturi industrijali. L-elementi kollha deskritti f'dan il-punt se jiġu inklużi maċ-ċifri rrapportati għal-livell tal-prezz: "Prezzijiet li jeskludu t-taxxi u l-levies".
- Taxxi u levies identifikati fil-fatturi pprovduti lill-konsumaturi industrijali u kkunsidrati bħala li ma jistgħux jiġu rkuprati. Għalhekk, l-elementi kollha deskritti f'dan il-punt se jiġu inklużi maċ-ċifri rrapportati għal-livell tal-prezz: "Prezzijiet li jeskludu l-VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati".
- Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati fil-fatturi pprovduti lill-konsumaturi industrijali. L-elementi kollha deskritti f'dan il-punt se jiġu inklużi maċ-ċifri rrapportati għal-livell tal-prezz: "Prezzijiet li jinkludu t-taxxi, l-levies u l-VAT kollha".

Deskrizzjoni tat-taxxi, levies, levies mhux fiskali, drittijiet u kwalunkwe tariffi fiskali differenti applikabbli:

- It-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.
- Drittijiet ta' konċessjoni. Dawn normalment jirreferu għal liċenzji u drittijiet għall-okkupazzjoni ta' art u proprjetà pubblika jew privata minn networks jew apparat ieħor tal-gass.
- Taxxi jew levies ambjentali. Dawn normalment jirreferu għall-promozzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija rinovabbli jew is-CHP jew bħala piż fuq l-emissjonijiet tas-CO₂, SO₂ jew aġenti oħra relatati mal-bidla fil-klima.

- Taxxi jew levies oħra marbuta mas-settur ta' l-enerġija: obbligi/tariffi tas-servizz pubbliku, levies għall-iffinanzjar ta' awtoritajiet regolatorji ta' l-enerġija, eċċ.
- Taxxi jew levies oħra mhux marbuta mas-settur ta' l-enerġija: taxxi fiskali nazzjonali, lokali u reġjonali fuq l-enerġija kkonsmata, taxxi fuq id-distribuzzjoni tal-gass, eċċ.

Taxxi fuq d-dħul, taxxi fuq proprjetà, żejt għall-karozzi, taxxi għall-użu tat-toroq, taxxi fuq liċenzji tat-telekomunikazzjoni, radju, reklamar, tariffi għal-liċenzji, taxxi fuq l-iskart, eċċ. mhux se jitqiesu u huma esklużi minn din id-deskrizzjoni peress li dawn huma, bla ebda dubju, parti mill-ispejjeż ta' l-operaturi u japplikaw ukoll għal industriji jew attivitajiet oħra.

- (n) Fi Stati Membri fejn kumpanija waħda tkopri l-bejgħ industrijali kollu, it-tagħrif jista' jiġi nnotifikat minn dik il-kumpanija. Fi Stati Membri fejn joperaw iktar minn kumpanija waħda, it-tagħrif għandu jiġi nnotifikat minn korp indipendenti ta' l-istatistika.

ANNEX II

PREZZIJET TA' L-ELETTRIKU

Il-prezzijiet ta' l-elettriku għall-konsumaturi industrijali¹ li għandhom jinġabru u jiġu kkompilati skond il-metodoloġija li ġejja:

- (a) Il-prezzijiet li għandhom jiġu rrapportati huma prezzijiet imħallsa mill-konsumaturi industrijali li jixtru l-elettriku għall-użu tagħhom stess.
- (b) Għandhom jitqiesu l-użi kollha industrijali ta' l-elettriku.
- (ċ) Il-prezzijiet reġistrati għandhom ikunu bbażati fuq sistema ta' kategoriji ta' konsum standard definiti minn firxa ta' konsum annwali ta' l-elettriku.
- (d) Il-prezzijiet se jinġabru darbtejn fis-sena, fil-bidu ta' kull perjodu ta' sitt xhur, (Jannar u Lulju) u se jirreferu għall-medja tal-prezz imħallsa mill-konsumaturi industrijali għall-elettriku fuq is-sitt xhur preċedenti. L-ewwel komunikazzjoni tad-dejta dwar il-prezz lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej se tirreferi għas-sitwazzjoni fl- 1 ta' Jannar 2008.
- (e) Il-prezzijiet għandhom ikunu fil-valuta nazzjonali għal kull kWh.
- (f) Il-prezzijiet għandhom jinkludu t-tariffi kollha applikabbli: it-tariffi tan-netwerk jingħaddu flimkien ma' l-enerġija kkonsmata, jitnaqqas kwalunkwe roħs jew primjum, u jiżdiedu kwalunkwe tariffi oħra (tariffi skond id-domanda, il-kummerċjalizzazzjoni, il-kiri tal-meter, eċċ.). It-tariffi tal-bidu għall-konnessjoni m'għandhomx jiġu inklużi.
- (g) Il-prezzijiet għandhom jiġu reġistrati bħala prezzijiet nazzjonali medji.
- (h) L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw proċeduri effettivi f'termini ta' nfiq sabiex jiżguraw sistema ta' kompilazzjoni tad-dejta rappreżentattiva bbażata fuq ir-regoli li ġejjin:
 - Il-prezzijiet se jirrappreżentaw prezzijiet medji differenzjati permezz ta' l-użu tas-sehem fis-suq ta' l-imprezzi li jfornu l-elettriku li ġew mistħarrġa bħala fatturi taż-żidiet fl-għoli tal-ħajja. Prezzijiet medji aritmetiċi se jkunu pprovduti biss meta l-figuri differenzjati ma jistgħux jiġu kkalkulati. F'kull każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istħarriġ ikopri sehem rappreżentattiv tas-suq nazzjonali.

¹ Konsumaturi industrijali jistgħu jinkludu utenti mhux residenzjali.

- L-ishma tas-suq għandhom ikunu bbażati fuq il-kwantità ta' elettriku li għaliha nħarġet fattura mill-fornituri ta' l-elettriku lill-konsumaturi industrijali. Fejn hu possibbli, l-ishma tas-suq se jiġu kkalkulati separatament għal kull kategorija. L-informazzjoni użata biex jiġu kkalkulati l-prezzijiet medji differenzjati se tkun immaniġġjata mill-Istati Membri, filwaqt illi jkunu rrispettati r-regoli tal-kunfidenzjalità.
- Fl-interess tal-kunfidenzjalità, id-dejta li għandha x'taqsam mal-prezzijiet se tiġi kkomunikata biss fejn, fl-Istat Membru kkonċernat, hemm ta' l-inqas tliet konsumaturi f'kull waħda mill-kategoriji msemmija fil-punt (j).

(i) Għandhom jiġu pprovduti tliet livelli ta' prezzijiet:

- Prezzijiet li jeskludu t-taxxi u l-levies.
- Prezzijiet li jeskludu l-VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati.
- Prezzijiet li jinkludu t-taxxi, l-levies u l-VAT kollha.

(j) Se jsir stħarriġ fuq il-prezzijiet ta' l-elettriku għall-kategoriji ta' konsumaturi industrijali li ġejjin:

Konsumaturi Industrijali	Konsum annwali ta' l-elettriku (MWh)	
	L-inqas	L-oġħla
Kategorija-IA		< 20
Kategorija-IB	20	< 500
Kategorija-IC	500	< 2000
Kategorija-ID	2000	< 20000
Kategorija-IE	20000	< 70000
Kategorija-IF	70000	<= 150000

- (k) Darba kull sentejn, flimkien mar-rapportar dwar il-prezz f'Jannar, għandha tiġi kkomunikata informazzjoni dwar is-sistema ta' kompilazzjoni applikata lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari: Deskrizzjoni ta' l-istħarriġ u l-ambitu tiegħu (l-għadd ta' fornituri mistħarrġa, il-perċentwal aggregat tas-suq rappreżentat, eċċ.) u l-kriterji użati għall-kalkolu tal-prezzijiet medji differenzjati kif ukoll tal-volumi aggregati ta' konsum li kull kategorija tirrappreżenta. L-ewwel komunikazzjoni relatata mas-sistema ta' kompilazzjoni għandha tikkonċerna s-sitwazzjoni fl-1 ta' Jannar 2008.
- (l) Darba fis-sena, flimkien mar-rapportar dwar il-prezz f'Jannar, għandhom jiġu kkomunikati l-karatteristiċi u l-fatturi medji ewlenin li jaffettwaw il-prezzijiet reġistrati għal kull kategorija ta' konsum, lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej.

L-informazzjoni li għandha tingħata għandha tinkludi:

- Il-fatturi medji ta' konsum mill-konsumaturi industrijali li jikkorrispondu ma' kull kategorija ta' konsum, ikkalkulati fuq bażi ta' l-enerġija totali pprovduta u l-medja tad-domanda massima.
 - Tabella li tindika l-limiti tal-vultaġġ għal kull pajjiż.
 - Deskrizzjoni tat-tariffi fis-seħħ, kirjiet tal-meter jew kwalunkwe tariffi oħra rilevanti fuq livell nazzjonali.
- (m) arba fis-sena, flimkien mar-rapportar dwar il-prezz ta' Jannar, għandhom jiġu rapportati wkoll ir-rati u l-metodu ta' kalkolu kif ukoll deskrizzjoni tat-taxxi imposti għall-bejgħ ta' l-elettriku fuq il-konsumaturi industrijali. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe levy mhux fiskali li tkopri l-ispejjeż tas-sistema u l-obbligi tas-ervizz pubbliku.

Id-deskrizzjoni dwar it-taxxi li għandha tiġi pprovduta se tinkludi tliet taqsimiet separati b'mod ċar:

- It-taxxi, il-levies, il-levies mhux fiskali, id-drittijiet u kwalunkwe tariffi fiskali oħra mhux identifikati fil-fatturi pprovduti lill-konsumaturi industrijali. L-elementi kollha deskritti f'dan il-punt se jiġu inklużi maċ-ċifra rrapportata għal-livell tal-prezz: "Prezzijiet li jeskludu t-taxxi u l-levies".
- Taxxi u levies identifikati fil-fatturi pprovduti lill-konsumaturi industrijali u kkunsidrati bħala li ma jistgħux jiġu rkuprati. L-elementi kollha deskritti f'dan il-punt se jiġu inklużi maċ-ċifri rrapportati għal-livell tal-prezz: "Prezzijiet li jeskludu l-VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati".
- Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati fil-fatturi pprovduti lill-konsumaturi industrijali. L-elementi kollha deskritti f'dan il-punt se jiġu inklużi maċ-ċifri rrapportati għal-livell tal-prezz: "Prezzijiet li jinkludu t-taxxi, l-levies u l-VAT kollha".

Deskrizzjoni tat-taxxi, levies, levies mhux fiskali, drittijiet u kwalunkwe tariffi fiskali differenti li jistgħu jkunu applikabbli:

- It-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.
- Drittijiet ta' konċessjoni. Dawn normalment jirreferu għal-liċenzji u t-tariffi għall-okkupazzjoni ta' art u proprjetà pubblika jew privata min-netwerks jew apparat ieħor ta' l-elettriku.
- Taxxi jew levies ambjentali. Dawn normalment jirreferu jew għall-romozzjoni ta' sorsi ta' l-enerġija rinnovabbli jew is-CHP, jew bħala piż għas- CO₂, SO₂ jew emissjonijiet minn aġenti oħra relatati mal-bidla fil-klima.
- Taxxi għal-Spezzjonijiet Nukleari jew għal spezzjonijiet oħra: tariffi għad-ekommissjonar nukleari, spezzjonijiet u tariffi għall-istallazzjonijiet nukleari, eċċ.

- Taxxi jew levies oħra marbuta mas-settur ta' l-enerġija: Obbligi/tariffi tas-servizz pubbliku, levies għall-iffinanzjar ta' l-awtoritajiet regolatorji ta' l-enerġija, eċċ.
- Taxxi jew levies oħra mhux marbuta mas-settur ta' l-enerġija: taxxi fiskali nazzjonali, lokali u reġjonali fuq l-enerġija kkonsumata, taxxi fuq id-istribuzzjoni ta' l-elettriku, eċċ.

Taxxi fuq id-dħul, taxxi fuq proprjetà, taxxi tas-sisa fuq il-prodotti taż-żejt u l-fjuwil li mhumiex għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku, żejt għall-karozzi, taxxi għall-użu tat-toroq, taxxi fuq il-liċenzji għat-telekomunikazzjoni, radju, reklamar, tariffi għal-iċenzji, taxxi fuq l-iskart, eċċ., mhux se jitqiesu u huma esklużi minn din id-eskrizzjoni peress li huma parti, mingħajr ebda dubju, mill-ispejjeż ta' l-operaturi u japplikaw għal industrijiet jew attivitajiet oħra.

- (n) Darba fis-sena, flimkien mar-rapportar dwar il-prezz f'Jannar, għandu jiġi nnotifikat lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, it-tqassim tal-prezzijiet ta' l-elettriku fil-komponenti ewlenin tagħhom. Dan it-tqassim tal-prezzijiet ta' l-elettriku fil-komponenti ewlenin tagħhom se jkun ibbażat fuq il-metodoloġija li ġejja:

Il-prezz sħiħ ta' l-elettriku għall-kategorija ta' konsum jista' jitqies bħala s-somma globali tal-prezzijiet tan-"Network", il-prezzijiet għall-"Enerġija u l-Forniment" (jiġifieri, mill-ġenerazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni, minbarra n-networks) u t-axxi u l-levies kollha.

- Il-prezz tan-"Network" huwa l-proporzjon bejn id-dħul relatat mat-tariffi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni u (jekk possibbli) il-volum korrispondenti ta' kWh għal kull kategorija ta' konsum. Jekk il-volumi separati ta' kWh għal kull kategorija mhumiex disponibbli, għandhom jiġu pprovduti stimi tagħhom.
- Il-prezz ta' "l-Enerġija u l-Forniment" huwa l-prezz totali mingħajr il-prezz tan-"Network" u mingħajr it-taxxi u l-levies kollha.
- Taxxi u levies. Għal dan il-komponent, tqassim addizzjonali se jiġi pprovdut:
 - Taxxi u levies fuq il-prezzijiet tan-"Network".
 - Taxxi u levies fuq il-prezzijiet ta' "l-Enerġija u l-Forniment".
 - VAT u taxxi oħra li jistgħu jiġu rkuprati.

NOTA: Jekk is-servizzi komplementari jiġu identifikati separatament, dawn jistgħu jiġu allokat f'wieħed miż-żewġ komponenti ewlenin kif ġej:

- Il-prezz tan-"Network" se jinkludi l-ispejjeż li ġejjin: It-tariffi tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, it-telf tat-trażmissjonijiet u d-distribuzzjoni, l-ispejjeż tan-etwerk, is-servizz ta' wara l-bejgħ, l-ispejjeż tas-servizz tas-sistema u l-kiri tal-meter.

- Il-prezz ta' "l-Enerġija u l-Forniment" se jinkludi l-ispejjeż li ġejjin: Il-enerazzjoni, l-aggregazzjoni, l-enerġija ta' bilanċ, l-ispejjeż ta' l-enerġija fornuta, is-servizzi lill-klijent, l-immaniġġjar ta' wara l-bejgħ, il-metering u spejjeż oħra ta' forniment.
 - Spejjeż oħra speċifiċi. Dawn jirrappreżentaw spejjeż li la huma spejjeż tan-etwerk, la spejjeż ta' "l-Enerġija u l-Forniment" u lanqas taxxi. Jekk jeżistu spejjeż bħal dawn, għandhom jiġu rrapportati separatament.
- (o) l-Istati Membri, meta kumpanija waħda tkopri l-bejgħ industrijali kollu, l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata minn dik il-kumpanija. Fi Stati Membri fejn joperaw iktar kumpaniji, l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata minn korp indipendenti ta' l-istatistika.
-



ANNES III

Parti A

Direttiva mħassra flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha (imsemmi fl-Artikolu 10)

Direttiva tal-Kunsill 90/377/KEE
(ĠU L 185, 17.7.1990, p. 16)

Direttiva tal-Kummissjoni 93/87/KEE
(ĠU L 277, 10.11.1993, p. 32)

Anness I għall-Att ta' Adeżjoni 1994
(ĠU C 241, 29.8.1994)

Punt 12 (A)(3)(a) u (b) ta' l-Anness II għall-Att
ta' Adeżjoni 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003)

Regolament tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill (KE) Nru 1882/2003
(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)

Anness I, punt 3 biss

Direttiva tal-Kunsill 2006/108/KE
(ĠU L363 414, 20.12.2006, p. 414)

Ir-referenza għad-Direttiva 90/377/KEE
u l-punti 1(a) u (b) ta' l-Anness I biss

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/394/KE
(ĠU L 148, 9.6.2007, p.11)

Parti B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali (imsemmi fl-Artikolu 10)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
90/377/KEE	30 ta' Lulju 1991
93/87/KEE	-
2006/108/KE	1 ta' Jannar 2007

ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 90/377/KEE	Din id-Direttiva
Artikoli 1	Artikoli 1
Artikolu 2(1) l-ewwel sentenza	Artiklu 2(1) l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(1) it-tieni sentenza	Artikolu 2(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(3) l-ewwel sentenza	Artikolu 2(3) l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(3) it-tieni sentenza	-
Artikolu 2(3) it-tielet sentenza	Artikolu 2(3) it-tieni subparagrafu
Artikoli 3 sa 5	Artikoli 3 sa 5
Artikolu 6(1)	Artikolu 6(1) l-ewwel sentenza
-	Artikolu 6(1) it-tieni sentenza, ġdida
Artikolu 6(2)	Artikolu 6(2)
Artikolu 7(1) u (2)	Artikolu 7
Artikolu 7(3)	-
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9(1)	-
Artikolu 9(2) l-ewwel sentenza	Artikolu 9(1)
Artikolu 9(2) t-tieni sentenza	Artikolu 9(2)
-	Artikoli 10 u 11
Artikolu 10	Artikolu 12
Anness I – II	Anness I – II
—	Anness III
—	Anness IV